**<u>DIKJARAZZJONI PUBLIC ACCOUNTS COMMITTEE</u>**

Mir-rapport tal-Awditur Ġenerali jirrizulta li jien:

1. Qatt ma tajt xi direttiva jew b'xi mod indħalt fix-xiri taż-żejt mill-Enemalta jew fit-*tenders* tal-Enemalta jew qatt kellimt lil xi hadd li kien fit-*tendering committee* tal-Enemalta – fi kliem sempliċi hu ċar mir-rapport tal-Awditur li jien qatt ma ndħalt fil-proċess tax-xiri taż-żejt u l-istess jirriżulta minn xhieda oħra li ngħatat quddiem dan il-Kumitat dwar xiri ta' żejt fi żmien qabel is-snin li rrapporta dwarhom l-Awditur, inkluż mix-xhieda mogħtija mill-ogħla awtoritajiet tal-Pulizija;

2. Mir-rapport tal-Awditur jirriżulta li f'Novembru 2009 jien **KTIBT** lir-*Risk Management Committee* tal-Enemalta u **MHUX** lill-Kumitat tal-Kuntratti tal-Enemalta kif ipprovat tagħti l-impressjoni xi *media* wara l-aħħar elezzjoni ġenerali – ir-*Risk Management Committee* kien il-kumitat li kien jagħmel il-*hedging* mal-banek u **QATT** ma xtara żejt;

3. Jien tajt direttiva ministerjali **BIL-MIKTUB** kif kelli kull dritt - anzi kelli obbligu - li nagħmel bil-liġi, u tajtha skond il-proċedura preskritta mil-liġi – ara Art. 12 (1) tal-Enemalta Act, Art. 92 (1) tal-Kostituzzjoni, Art. 3 tal-*Public Administration Act* u Art 6 tal-*Interpretation Act*;

4. Dik id-direttiva kienet tirrifletti deċiżjoni **tal-Kabinett** dwar b'liema prezz kellna nippruvaw nixtru ż-żejt fl-2010, liema deċiżjoni ddaħlet fil-*Budget* tal-Enemalta għall-2010 u liema *Budget* kien ġie approvat mill-**Parlament.** Din id-deċiżjoni kienet ukoll il-bażi li fuqha nbnew it-tariffi l-ġodda. Dak li l-Awditur deħrlu hi *"undue interference"* kienet deċiżjoni tal-Kabinett u tal-Parlament u li allura, skond hu, kellha tiġi njorata;

5. Id-deċiżjoni tal-Gvern – **LI FUQHA KIENET IBBAŻATA D-DIRETTIVA TIEGĦI** - kienet għażla bejn stabilità u ċertezza fil-prezz taż-żejt li se nħallsu fl-2010 kontra li nkomplu nesponu ruħna għal-logħob fis-suq bil-*hedging* – kif jidher li jippreferi l-Awditur, xi ħaġa li jidhirli li l-Awditur m'għandux jidħol fiha għax hi kwistjoni ta' *policy*";

6. Għażilna ċ-ċertezza kontra l-inċertezza – għażla li kull Gvern għandu dritt jagħmel u li anke dan il-Gvern qed jagħmel. Difatti l-Ministru preżenti tal-Enemalta ta direttivi ta' natura politika simili kemm rigward il-*fuels* tal-Enemalta kif ukoll dwar il-petrol, id-diesel u anke l-gass – id-differenza bejn li għamilt jien u li sar issa hu li jien ikkomunikajt deċiżjoni tal-Kabinett ratifikata mill-Parlament mentri l-Ministru odjern jidher li ħa d-deċiżjoni waħdu u anke speċifika ma' min għandu jsir il-*hedging*;

7. Din l-għażla bejn iċ-ċertezza tal-prezz u l-*hedging* ad oltranza hija deċiżjoni politika tal-Gvern, aktar u aktar meta l-Enemalta tiddependi mis-sussidji tal-Gvern biex tibqa miexja. Hi għażla li skond il-liġi li tirregola l-uffċċju tal-Awditur, l-Awditur suppost lanqas għandu jikkumenta dwarha għax hi *policy decision* tal-Gvern;

8. L-Awditur jikkumenta wkoll li ma kienx hemm *policy* dwar kif jinxtara ż-żejt mill-Enemalta. Naħseb kien ikun aktar korrett li kieku qal li ma kienx hemm **PROĊEDURA MIKTUBA** kif għandu jiffunzjona l-Kumitat tal-Kuntratti tal-Enemalta li kien jixtri ż-żejt. *Policy* kien hemm u proċeduri wkoll imma qatt ma kienu dokumentati sa dak iż-żmien.

   Madankollu dan ma kienx ifisser li xi ħadd kellu xi liċenzja li jista' jagħmel li jrid f'dan il-proċess u l-*istandards* bażiċi ta' governanza u kontabilità kienu mistennija mill-Bord tad-Diretturi u mill-*management* fil-qadi ta' dmirijiethom.

9. Li forsi nesa jgħid ukoll l-Awditur li mit-twaqqif tal-Enemalta fis-sebgħinijiet **QATT** ma kien hemm proċeduri bil-miktub dwar kif jinxtara ż-żejt. Ovvjament dan japplika għal amministrazzjonijiet diversi.

   Nisħaq ukoll illi huwa ċarissimu mil-liġi tal-Enemalta li kien obbligu tal-Bord (u mhux tiegħi bħala Ministru) li jara li l-proċeduri jinkitbu għaliex naħseb li lkoll naqblu li aħjar miktubin milli le u m'għandix dubju li kieku xi ħadd infurmani li l-proċeduri mhux miktuba kont nagħti direttiva ministerjali oħra biex jinkitbu. Ninnota wkoll illi fil-perjodu tal-Ministru Tonio Fenech, il-proċeduri ġew miktuba.

10. L-obbligu tiegħi bħala Ministru kien li nkun xprun ta' titjib fil-governanza fl-entitajiet li kienu jaqgħu taħti u li nagħmel ħilti kollha biex l-amministrazzjoni fihom titjieb. Jien dan għamiltu b'assidwità u daħħalt linji gwida dwar kif joperaw dawn l-entitajiet, xi ħaġa li qatt ma kienet teżisti qabel. Irnexxieli nagħmel il-bidliet kollha li xtaqt? Żgur li le, iżda b'serenità nisħaq li daħħalt prinċipji ta' amministrazzjoni li kienu bla preċedent u li wasslu biex isaħħu l-governanza u l-kontabilità.

11. F'dan il-kuntest, nitlob lil dan il-Kumitat jinnota li:

    a. Kont jien li żviluppajt kodiċi ta' etika għad-diretturi u membri ta' kummissjonijiet li kienu jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi;

    b. Kont jien li pproponejt lill-Kabinett, u l-Kabinett approva, tibdil sostanzjali u fundamentali fil-liġi li tirregola l-Enemalta biex nagħmlu ċarissimi l-obbligi tal-Ministru, il-Bord u l-*management*; u biex niżguraw separazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi u daħħalna regoli ċari ta' governanza;

    c. kont jien li fl-Enemalta waqqaft il-funzjoni tal-*Fuel Procurement Advisory Committee* immexxi minn persuni esterni u professjonali;

    d. kont jien li tlabt lill-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien biex tinnomina membru fuq dan l-istess Kumitat;

e. kont jien li sseparajat il-funzjonijiet ta' *Chairman* u Kap Eżekututtiv biex ma' jibqax poter ikkonċentrat f'persuna waħda fl-organiżżazzjoni;

f. kont jien li assidwament insistejt li jkollna CEO u *management* professjonali daqskemm kellna inġiniera professjonali;

g. kont jien li għall-ewwel darba fl-istorja tal-Enemalta insistejt li l-Korporazzjoni jkollha *Finance Management* sħiħ u mhux imlaqqat;

h. kont jien li insistejt li l-Enemalta tibda tipprepara *management accounts* u *financial statements* fuq bazi tal-*istandards* internazzjonali u li l-istess *accounts* jibdew jirriflettu kull diviżjoni xi dħul u ħruġ kellha biex tiġi żgurata t-trasparenza;

i. kont jien li ridt li jkun hemm uffiċċju li jieħu ħsieb il-proċessi komputerizzati u mmexi minn CIO – u ma naħsibx għandi għalfejn infakkar li wara sejħa pubblika kien gie mpjegat Konrad Mizzi, illum Ministru;

Nistqarr dan għaliex huwa faċli ħafna li taqbad funzjoni waħda minn Korporazzjoni bħall-Enemalta u tħares lejha barra l-kuntest tagħha mingħajr ma' tifhem iċ-ċirkustanzi kollha li kienu jimpattaw dik il-funzjoni.

Irrid ngħid ukoll li fil-proċess kollu tar-rapport tal-NAO – li dam sentejn jinħema – l-Awditur Ġenerali qatt ma sab ħin biex ikellimni minkejja li għoġbu jikkumenta dwar l-aġir tiegħi.

12. Kif inhu magħruf, dan il-Kumitat mar *oltre* r-rapport tal-Awditur u daħal ukoll fi snin preċedenti għar-rapport. Li rrid nafferma in konnessjoni ma' dan hu:

**L-ewwel** u qabel kollox niddikjara li jien qatt ma tkellimt ma' ħadd jew b'xi mod indħalt, jew fil-proċess tat-*tenders* għax-xiri taż-żejt mill-Enemalta jew f'xi proċess ieħor tat-*tenders*, kien fejn kien, fil-15-il sena li domt Ministru.

**It-tieni** niddikjara wkoll illi kieku kelli l-anqas ħjiel ta' xi irregolarità fl-għoti tat-*tenders* (u mhux biss fil-każ taż-żejt tal-Enemalta) jew li kien hemm xi ħlas ta' kummissjonijiet biex jintrebħu *tenders*, jien kont immedjatament nirriferi l-informazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija, kif fil-fatt għamilt f'każijiet oħra u meta rrapurtajna l-każijiet ittieħdu l-Qorti u nħarġu akkużi kriminali.

**It-tielet** nikkonferma wkoll li l-ewwel darba li smajt dwar l-allegat korruzzjoni fl-għoti tat-*tenders* fl-Enemalta kien meta bdew jiġu pubblikati fil-gazzetti ftit ġimgħat qabel l-elezzjoni ġenerali tal-2013 – hu evidenti llum li kien hemm ħaddieħor li kien jaf ħafna sew qabel dan iż-żmien iżda għoġbu ma jirrapporta xejn.

**Ir-raba** nikkonferma dak li qal l-Ispettur Gafà quddiem din il-Kummissjoni li jien dejjem irrifjutajt li nitkellem dwar *tenders* ma' George Farrugia. Fil-fatt jien dejjem irrifjutajt li nitkellem dwar *tenders* mhux ma' George Farrugia biss

imma **MA' KULLĦADD, HU MIN HU** u kien hemm ordni stretta fl-uffiċċju tiegħi li l-istess ħaġa għandhom jagħmlu min kien fis-segretarjat tiegħi.

Grazzi